- *Art 469 A Kap 12 – terminu perentorju ta' 6 xhur*
- *minn meta jibda jgħaddi – mhemmx għalfejn komunika formali tad-deċiżjoni amministrattiva – konsulent tal- pazjent jitqies mandatarju tal-pazjent u għalhekk meta jiġi nfurmat b'deċiżjoni jitqies li l-pazjent ikun infurmat ukoll.*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 523/2022 GM**

1) **Roderic Sultana (K.I. Nru 0247974M) u**
2) **Karina Ayrapetyan (K.I. Nru 665219L)**

**vs**

1) **Il-Ministru tas-Saħħa,**
2) **Id-Direttur Ġenerali (Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa),**
3) **Id-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali),**
4) **L-Avukat tal-Istat,**
5) **L-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern,**
6) **Il-Kumitat tat-Trattament barra minn Malta (*Treatment Abroad Committee*), u**
7) **Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Roderic Sultana u Karina Ayrapetyan li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

Nhar il-31 ta' Mejju, 2021, in segwitu għal *CT scan* amministrat fl-Isptar *Mater Dei,* instab li Roderic Sultana (*iktar 'il quddiem* l-"attur") kien qiegħed isofri minn kanċer fil-pulmun (Stage III) (*ara r-rakkomandazzjoni tal-konsulenta Dr Janabel Said, hawn annessa u mmarkata* ***Dok A****, flimkien mal-eżami PET/CT miżmum nhar il-15 ta' Ġunju, 2021, hawn anness u mmarkat* **Dok B**).

Mill-istess sptar Mater Dei, huwa ġie nfurmat li ma setax jiġi operat u li l-probabbiltà ta' tnaqqis tal-kanċer kienet negliġibbli.

L-attur ma xtaqx jaqta' qalbu daqshekk faċilment u għalhekk kiseb opinjoni oħra mill-isptar Martha Maria ta' Munich, il-Ġermanja.

L-esperti ta' Martha Maria rrakkomandaw *neo-adjuvant chemo/immunotherapy* li permezz tagħha ċ-ċelloli tal-kanċer setgħu, jekk kollox imur sew, jiġu kkontrollati biżżejjed sabiex il-pażjent ikun operabbli (*ara* **Dok C** *hawn anness*).

It-terapija ssuġġerita mill-esperti Ġermaniżi kienet tirrikjedi d-droga magħrufa bħala Pembrolizumab, liema droga ma kinitx disponibbli f'Malta bħala parti mis-saħħa pubblika.

Ir-rikorrent kien kostrett li jibda dan il-proċess terapewtiku fl-isptar Ġermaniż ta' Martha Maria qabel ma jintilef iktar żmien u, fil-fatt, inbeda l-ewwel ċiklu ta' *chemo/immunotherapy* bil-*Pembrolizumab*.

Nhar l-1 ta' Lulju, 2021, il-konsulenta Dr Janabel Said kitbet lill-Kumitat tat-Trattament barra minn Malta (*Treatment Abroad Committee*) (*iktar 'il quddiem il-"kumitat"*) ittra ta' referenza li fiha spjegat is-sitwazzjoni u talbet li r-rakkomandazzjoni tagħha għal dan it-trattament fil-Ġermanja tiġi approvata mill-kumitat (*ara d-dokument surriferit li jinsab hawn anness u mmarkat* **Dok A**).

Sadanittant, ir-rikorrenti komplew bit-trattament li kien beda jirċievi r-rikorrent ma' sptar ieħor ġewwa Munich, u ċoè l-Isptar tal-Università ta' Munich (LMU) (*ara l-komunikazzjoni mill-istess sptar dwar ir-rotta ta' finanzjament mixtieqa mir-rikorrenti, hawn annessa u mmarkata* **Dok D**).

Il-istimi tal-isptar LMU għat-terapija u tal-operazzjoni prospettiva ġew sottomessi lill-kumitat (*ara* **Dok E** *hawn anness li juri l-istimi għat-trattament u l-operazzjoni maħsuba għar-rikorrent, liema stimi ġew ipprovduti lill-kumitat*).

Filwaqt li t-terapija baqgħet għaddejja fil-Ġermanja taħt l-awspiċi tal-isptar LMU, il-kumitat baqa' ma weġibx dwar jekk huwiex dispost iħallas.

Fl-aħħar ta' Awwissu, 2021, l-esperti Ġermaniżi, wara li eżaminaw ir-riżultati tal-ewwel żewġ ċikli ta' trattament, taw il-parir tagħhom li r-rikorrent kien wasal fi stat ta' operabbiltà u li l-operazzjoni ma kellhiex iddum ma ssir għaliex inkella kien jintilef żmien prezzjuż li jreġġa' lura s-suċċess inizjali tat-trattament li kien ingħata sa dak il-punt (*ara* **Dok F** *hawn anness, u ara wkoll* **Dok G** li jindika li l-esperti Ġermaniżi kienu tal-fehma li l-operazzjoni toffri "*prognostically better*", **Dok H**, li jinkludi l-appoġġ ta' Dr Janabel Said għall-argument tal-"*continuity of care"*, jiġifieri, li l-operazzjoni għandha sseħħ fil-Ġermanja fejn ir-rikorrent diġà kien ingħata terapija li wriet sinjali tajbin ta' suċċess, u **Dok I** li juri li kienet ir-rakkomandazzjoni tal-Bord Mediku tal-Malta Community Chest Fund li r-rikorrent jintbagħat barra minn Malta għat-trattament bħala "*government sponsored patient").*

Importanti jiġi enfasizzat f'dan l-istadju li kieku kienet għas-sistema tas-saħħa pubblika Maltija r-rikorrent **lanqas qatt ma kien jasal sal-punt tal-operabbiltà** hekk kif kien fil-fatt ingħata sentenza ta' mewt qabel ma għażel li jfittex opinjoni estera fuq il-kundizzjoni tiegħu.

Ir-rikorrent għażel li jipproċedi bl-operazzjoni fl-isptar LMU ta' Munich u dan dejjem mingħajr ebda tweġiba mill-kumitat.

L-operazzjoni nżammet fl-isptar LMU nhar il-15 ta' Settembru, 2021, u kienet suċċess (*ara* **Dok J** *hawn anness li huwa l-post surgery protocol tal-konsulenti multidixxiplinari ta' LMU li jikkonferma li l-kanċer ġie ridott għal Stage 0 [remissjoni totali]*).

Madankollu, ir-rikorrenti spiċċaw ħallsu minn buthom spejjeż ammontanti għal **sitta u tmenin elf, mitejn u sitt Ewro u sitt u ħamsin ċenteżmu (€86,206.56)** rappreżentanti tmienja u sebgħin elf, ħames mija u tlettax-il Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€78,513.69) fi spejjeż mediċi u sebat elef, sitt mija u tnejn u disgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€7,692.87) fi spejjeż ta' akkomodazzjoni u vvjaġġar direttament marbut mat-trattament u l-kura medika inkwistjoni *(ara* **Dok K** *hawn anness, bit-tqassim tal-ispejjeż inkwistjoni).*

Dawn l-ispejjeż ġew sostnuti mill-bwiet tar-rikorrent Roderic Sultana nnifsu, kif ukoll minn dak tas-sieħba tiegħu, r-rikorrenti Karina Ayrapetyan, li għal din ir-raġuni qiegħda hi wkoll taġixxi f'din il-kawża.

Għandu jingħad ukoll, għal kull bwon fini, li minn din is-somma globali ta' sitta u tmenin elf, mitejn u sitt Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€86,206.56) għandha titnaqqas is-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) li l-Malta Community Chest Fund ivversat bħala għajnuna favur ir-rikorrenti (*ara* **Dok L** *hawn anness*). Għalhekk, u sabiex ir-rikorrenti ma jkunux qegħdin jarrikkixxu ruħhom indebitament, qiegħed jiġi stipulat li s-somma totali li huma qegħdin jirreklamaw f'din il-kawża hija ta' **sitta u sittin elf, mitejn u sitt Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€66,206.56)**.

Din it-tbatija finanzjarja kollha ġiet inkorsa mir-rikorrenti, qabelxejn, għax in-nuqqas tal-Pembrolizumab mill-formularju tas-saħħa pubblika ta' Malta (*anki jekk awtorizzat*

*mill-European Medicine's Agency*[1]) fisser li t-trattament previst mit-tobba Ġermaniżi lanqas biss qatt seta' jiġi mqar konċeput bħala għażla fis-sistema lokali, u għalhekk id-dritt għal trattament mediku bla ħlas, dovut għal ċittadin li jħallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet, ġie leż.

*Inter alia*, dan in-nuqqas kiser id-dritt tar-rikorrent għall-intitolament bla ħlas għal mediċini għal "*mard ta' natura malinja*" skont l-Artikolu 23(3) ta' Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-punt 1 tat-Taqsima II tal-Ħames Skeda tal-istess Att, u dan ukoll fid-dawl tal-kummenti tal-Ombudsman u tal-Kummissarju għas-Saħħa, li, fuq materja relatata, sostnew kif ġej:

"*a) the Social Security Act expressly gives a person who satisfies the established criteria an entitlement for free medical aid within the terms and conditions laid down in the Act. The term "entitlement" gives such individual a right at law to claim from the State the free treatment to which he is entitled. A right that is necessarily reflected in a corresponding duty of the health authorities to make such treatment available to him.*

*b) the same article provides that the Chief Government Medical Officer (CGMO) may issue protocols stating the criteria for prescribing and dispensing of particular medicines in the health service provided by Government. The term "may" in this context is not meant to imply that the CGMO has a discretionary power to make or not to make such protocols. He is bound to issue them to give effect to the provision of the law and the term must therefore be understood to mean an imperative "shall";*

*c) protocols that the CGMO may issue from time to time, can only be made by him for the purpose of regulating the modalities of how the treatment to which the person is entitled has to be prescribed. These can in no way be intended to restrict the right to treatment to which a person is by law entitled. Even less can they be issued in a manner that will neutralise that right. Indeed, the law empowers the CGMO to issue such protocols as are in his opinion, indicated to provide the required treatment to satisfy that right;*

*d) this means that, if the CGMO does not issue such a protocol for any particular medical product a person who is entitled to free medical aid in terms of this article would have the right to receive any treatment that was available, and is indicated for the condition he/she suffers from; and*

*e) similarly, this article imposes on the CGMO the duty to make available treatment for a patient's medical condition once it is proved that he is entitled to free medical aid in terms of sub article (1) of Section 23 of the Act*[2]*. The CGMO cannot neutralise the provisions of the Act and deny free medical aid to persons who are entitled to it simply by not making the treatment available.*
*[...]*
*Free medical aid extends also to diseases or conditions specified in Part II of the Fifth Schedule to the Act, regulated by sub article (3). The right to free medical aid enjoyed*

---

[1] Ara dan l-artiklu li deher fuq it-*Times of Malta* nhar il-15 ta' Novembru 2021: https://timesofmalta.com/articles/view/cancer-patients-paying-tens-of-thousands-or-skipping-treatment-after.915021 (hawn anness u mmarkat bħala **Dok M**)
[2] Naturalment, dan japplika wkoll għall-Artikolu 23(3) tal-istess Kap. 318

*by these patients cannot be affected by any limitation or restriction made by the CGMO to regulate the prescription of treatment for diseases or conditions specified in Part 2 of the Fifth Schedule.*
*[...]*
*Financial constraints and economic considerations can be a factor in determining the availability of free medical aid under sub article (3), but these can under no circumstance nullify or restrict the free medical treatment which is indicated and to which these eligible persons are entitled by law save in case where making available such treatment endangers the sustainability of the health service provided by Government.*
*[...]*
*when interpreting and applying these protocols for the purposes of Article 23 of the Social Security Act, the CGMO has to be constantly aware that that law provides that-*
*[...]*
*2. persons who suffer from chronic illnesses, included in the Part II of the Fifth Schedule to the Act, are entitled to free medicines strictly related to the chronic illness in question - an entitlement that is independent of financial means. Such entitlement cannot be denied or restricted through protocols that are not wholly based on purely medical considerations. Protocols can only determine the limits and modalities how those entitlements can be satisfied.*
*[...]*
*Moreover, and more importantly, these regulations must reflect not only the word but also the spirit of the Social Security Act as expressed by the people's representatives in Parliament. The Social Security Act justly imposes on society a compulsory, contributive insurance for the benefit of the common good. It creates a social contract that entitles eligible persons to legislated benefits but also imposes on the State a corresponding obligation to deliver them. Fiscal and economic considerations in the management of available funds are primarily aimed at securing essential treatment to indigent households and/or persons suffering from serious and life threatening diseases or conditions - the most vulnerable sections of society.*"[3]

Barra minn hekk, it-tweġiba tal-kumitat waslet għand ir-rikorrenti biss nhar is-16 ta' Diċembru, 2021, jiġifieri **tliet xhur wara** li saret l-operazzjoni fil-Ġermanja, u dan wara numru ta' *reminders* li ntbagħtu mir-rikorrenti (*ara d*-**Dok O** *hawn anness*).

Din it-tweġiba ma kinitx biss ferm tardiva, anzi biex bħallikieku titfa' l-melħ fuq il-ferita, kienet waħda negattiva (!) peress illi, skont il-Kumitat, l-operazzjoni (*li kienet biss parti waħda mit-trattament u kura olistika li l-mittenti rċieva fil-Ġermanja*) setgħet issir f'Malta. Importanti jingħad li din l-operazzjoni ma setgħet qatt issir mingħajr l-*immunotherapy* tal-*Pembrolizumab* li l-mittent ingħata fil-Ġermanja (*li ma kienx jagħmel parti mis-saħħa pubblika hawn Malta*). Tajjeb jingħad ukoll li kien il-parir tat-tabib tal-Isptar tal-Università ta' Munich li l-operazzjoni ssir hemm stess u mingħajr dewmien u dan sabiex ma jintilifx il-progress miksub mit-trattamenet inizjali mogħti hemm (*li, għal darba oħra, ma kienx disponibbli mis-saħħa pubblika ta' Malta*).

[3] *Entitlement to the Free Supply of Medicinals under the Social Security Act Final Opinion by the Commissioner for Health*, Ombudsman, Commissioner for Health, Awwissu 2015 (disponibbli fuq https://www.ombudsman.org.mt/wp-content/uploads/2015/08/Entitlement-to-the-Free-Supply-of-Medicines-under-the-Social-Security-Act.pdf - ara **Dok N** hawn anness)

Jidher biċ-ċar li l-għemil amministrattiv impunjat jikser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji.

Jidher li fid-deċiżjoni tal-kumitat kien hemm nuqqas ta' kriterji oġġettivi, non-diskriminatorji u li setgħu jkunu magħrufa minn qabel.

Ir-rikorrent qatt ma ngħata ċ-ċans iressaq il-każ tiegħu quddiem il-kumitat.

Lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni u d-deliberazzjoni tal-kumitat hija bbażata fuq xi sistema proċedurali faċilment aċċessibbli u adegwata sabiex tassigura d-determinazzjoni oġġettiva, imparzjali, u fi żmien raġjonevoli tat-talbiet għall-awtorizzazzjoni.

Ir-rikorrenti jħossu li ma ngħatawx raġunjiet għad-deċiżjoni finali tal-kumitat, u li tali deċiżjoni ma kinitx immotivata b'mod xieraq u li ttieħdet għal raġunijiet u fuq kriterji li ma kinux magħrufa, u li ma setgħux jiġu previsti mir-rikorrenti.

Terġa' u tgħid, id-deċiżjoni kienet waħda ferm tardiva u qatt ma ġiet formalment innotifikata lir-rikorrenti mill-kumitat iżda minflok ġew irriferuti għall-konsulent mediku tagħhom biex mingħandha jiskopru l-eżitu tad-deliberazzjoni twila u misterjuża tal-kumitat.

Ir-rikorrenti jħossu li l-aġir tal-kumitat jaqa' kompletament taħt il-kundanna segwenti li kienet ingħatat f'kawża b'mertu simili, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ġunju, 2011, fil-Kawża Nru 863/2004/1 fl-ismijiet Daniel James Cassar *vs* Id-Direttur tas-Saħħa Istituzzjonali, it-Tabib tal-Gvern magħruf ukoll bħala d-Direttur Ġenerali (Saħħa) u d-Direttur (Sigurtà Soċjali) li kienet ifformulata hekk:

*"[L-awtorizzazzjoni] Żgur li ma tistax tkun waħda arbitrarja, u deċiżjoni meħuda a bażi ta' "pakkett mediku" li ħadd ma jaf x'fih, ma tistax titqies waħda raġjonevoli. Il-proċess irid ikun wieħed kemm jista' jkun oġġettiv u d-deċiżjoni trid tingħata fi żmien qasir minħabba in-natura tal-każi. Iridu jiġu stabbiliti kriterji jew policies speċifiċi u mhux kull każ jiġi trattat u deċiż skont kif jaħsbuha l-membri ta' dak il-ħin fit-Travel Abroad Advisory Committee. F'dan il-każ, wara li l-Kumitat irċieva ittri mill-konsulenti mediċi tal-attur, sempliċement iddeċieda li jiċħad it-talba għax it-trattament mitlub ma kienx jifforma parti mill-"pakkett mediku" li jipprovdi l-iStat Malti. L-affarijiet ma għandhomx isiru hekk! Irid jiġi definit fiex jikkonsisti dan il-"pakkett mediku" u l-kriterji li fuqhom tiġi deċiża talba. Diskrezzjoni, wiesgħa kemm hi wiesgħa, qatt ma hi assoluta u hija dejjem soġġetta għal review minn dawn il-qrati. Fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni, l-awtorita` kompetenti trid tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, u teskludi dawk iċ-ċirkostanzi li mhumiex rilevanti, trid tagħti opportunita` lil dak li jkun jispjega l-każ tiegħu u d-deċiżjoni trid tkun waħda raġjonevoli u konsistenti. Jekk hemm "budgetary costraints" dawk ukoll iridu jiġu determinati oġġettivament, u jrid ikun hemm kriterji li jistabilixxu kif jintefqu l-flus allokati. Jista' jkun li ċerta diskrezzjoni soġġettiva titħalla f'idejn il-membri tal-Bord kompetenti, pero`, din ma tridx tkun assoluta u trid tkun ċirkoskritta b'regoli ċari u pre-stabbiliti. Din l-awtorita` trid tiġi regolata biex tadotta l-prinċipju ta' proporzjonalita` bejn l-interess tal-individwu u dawk tal-istat, u trid tispjega b'mod ċar x'qieset biex waslet għad-deċiżjoni tagħha. Fi ftit kliem, l-eżerċizzju ta'*

*diskrezzjoni amministrattiva trid tiġi regolata u tirrifletti policies u/jew kriterji pre-stabbiliti, u mhux kollox jitħalla fl-ajru.*

*Kwindi, anke indipendentement mir-Regolament tal-Unjoni Ewropea, in-nuqqas tal-Gvern, f'dik l-epoka, li jipprovdi struttura regolata biex jistħarreġ talbiet ta' din in-natura, jesponuh għad-danni, li, għall-każ in eżami, huma l-ispejjeż li kellu jinkorri fihom l-attur bħala konsegwenza.*"[4]

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ġurisprudenzjali, fost oħrajn, l-aġir tal-kumitat kien wieħed sproporzjonat u *ultra vires*, u definittivament mhux wieħed imsejjes fuq għanijiet xierqa jew kunsiderazzjonijiet rilevanti.

Importanti jingħad illi, fuq il-parir tal-*Malta Community Chest Fund*, ir-rikorrent ippreżenta lment mal-*Ombudsman* tramite r-rappreżentant tiegħu, Challie Turu Spiteri, iddatata l-24 ta' Frar, 2022 (*ara* **Dok P** *hawn anness bil-formulazzjoni tal-ilment).*

Il-Kummissarju għas-Saħħa, Charles Messina mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, wieġeb l-għada stess, *ossia* nhar il-25 ta' Frar, 2022, b'email fejn iddikjara li "*I am awaiting the Department of Health to issue payment*" (*ara l-email hawn annessa u mmarkata* **Dok Q**) – ħlas li baqa' ma sarx.

*Inoltre*, għalkemm ir-rikorrenti, interpellaw lill-konvenut saħansitra permezz ta' ittra ġudizzjarja ppreżentata fis-27 ta' Mejju, 2022 (*ara kopja legali hawn annessa u mmarkata* **Dok R**), sabiex jikkumpensawhom tal-ispejjeż li huma kellhom jonfqu intortament, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti.

Għalhekk, b'konvinzjoni soda li l-intimati kisru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'talba għal danni konformement mal-Artikolu 469A(5) tal-istess Kap. 12, ir-rikorrenti qegħdin jintavolaw din il-kawża.

## Talbu lil din il-Qorti sabiex:

(1) **Tiddikjara** illi 'l fuq imsemmi rifjut, daparti tal-Kumitat tat-Trattament barra minn Malta (*Treatment Abroad Committee*) li jaqa' taħt l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern, tat-talba tar-rikorrenti għall-ħlas magħmula abbażi tar-rakkomandazzjoni għat-trattament esteru tat-konsulenta Dr Janabel Said huwa *ultra vires* ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

(2) **Tiddikjara** l-istess rifjut null, invalidu u mingħajr effett.

(3) **Tiddikjara** illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli biex iħallsu għall-ispejjeż u għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi rifjut tat-talba għall-ħlas, ammontanti għal **sitta u sittin elf, mitejn u sitt Ewro u sitta**

[4] Ċitazzjoni meħuda minn paġni 32-33 tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell.

**u ħamsin ċenteżmu (€66,206.56)**, flimkien ma' kwalunkwe ammont ieħor li jista' jirriżulta dovut lill-istess rikorrenti sal-għoti tas-sentenza, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali ppreżentata fis-27 ta' Marzu 2022 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-istess ittra uffiċjali, kontra l-konvenuti.

(4) **Tordna** lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' **sitta u sittin elf, mitejn u sitt Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€66,206.56)**, flimkien ma' kwalunkwe ammont ieħor li jista' jirriżulta dovut lilhom sal-għoti tas-sentenza, bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra uffiċjali ppreżentata fis-27 ta' Marzu 2022 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-istess ittra uffiċjali, kontra l-konvenuti.

Rat ir-Risposta tal-Ministru tas-Saħħa, Direttur Ġenerali (Dipartiment għad-Servizzi tas-Saħħa), L-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern, Il-Kumitat tat-Trattament barra minn Malta (Treatment Abroad Committee) u Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li permezz tagħha eċċepew illi :

1. L-esponenti qegħdin jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet sewgwenti li qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin;

2. In linea preliminari, il-kanċer kien meqjus inoperabbli kemm f' Malta u kemm fil-Ġermanja. Illi l-esponenti ġew offruti trattament mis-saħħa pubblika ta' Malta imma d-deċiżjoni da parti tagħhom li t-trattament isir barra minn Malta kienet purament personali. Tant hu hekk li l-espoenenti mar għal parir il-Ġermanja qabel u beda l-kura qabel ma ħa parir jew indaga fuq kura lokali.

3. Jirriżulta illi fil-Ġermanja, ġiet amministrata l-Pembrolizumab. Illi din il-mediċina dak iż-żmien ma kinetx offruta b'xejn fuq is-sistema Maltija. Madankollu l-esponenti ngħata l-għażla illi jingħata mediċini alternattivi li huma offruti mis-sistema tas-saħħa pubblika.

4. L-esponenti ingħata l-għażla wkoll illi jixtri huwa l-Pembrolizumab u din tiġi amministrata fl-isptar Sir Anthony Mamo stess.

5. L-esponenti filfatt ġie offrut trattament alternattiv li huwa rrifjuta. Kieku nxtara l-Pembroliżumab minn Malta ma kienx ikun hemm il-bżonn ta' trattament barra minn Malta. Anke inkwantu wieħed jinnota li lanqas l-MCCF ma' kienu qegħdin joffru din il-mediċina.

6. It-talba illi saret f'dan is-sens, lit-Treatment Abroad Committee ma ġietx aċċettata u ġiet ikkomunikata lill-esponenti permezz tal-Konsulent li taħtha Roderic Sultana kien għall-kura.

7. It-tumur ċkien u ġie meqjuż operabbli. L-esponenti ġew offruti operazzjoni f'Malta stess iżda l-esponeneti baqgħu jinsistu illi jiġi operat fil-Ġermanja.

8. Huma applikaw taħt il-Cross Border Directive (2011/24/EU) u t-talba tagħhom ġiet approvata fit-13 ta' Settembru 2021. Għaldaqstant skont il-Cross Border Health Care Directive, huma setgħu jingħataw lura parti mill-ispiża li ġiet mħallsa, skont kemm l-operazzjoni kienet se tqum f'Malta u dan ġie mgħarraf lilhom minn qabel. Kif ukoll kien magħruf minn qabel li spejjeż oħra addizzjonali bħal trasport, ikel u alloġġ ma kienux se jiġu mħallsa.

9. L-esponenti permezz tal-kawża tagħhom qegħdin inter alias jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi r-rifjut da parti tal-Kumitat tat-Trattament barra minn Malta huwa ultra vires ai terminu tal-Artiklu 469 A 1(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi tali talba hija preskritta a tenur tal-Artiklu 469 A 3 stante t-trapass taż-żmien.

10. Fi kwalkwe każ id-danni mitluba m'għandhomx jingħataw minn din l-Onorabbli Qorti stante illi kif jingħad mil-liġi stess (artiklu 469A 6) l-awtorita' ma aġixxietx in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli.

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jirriżulta n-neċessita' fil-mori tal-kawża.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat tal-Istat u tad-Direttur Ġenerali (Sigurta` Soċjali) li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament, l-Avukat tal-Istat a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex il-leġitimu kontradittur fl-azzjoni odjerna istitwita mir-rikorrenti u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Kif stipulat fl-Arikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *'L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.';*

2. Ukoll preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, l-esponent Direttur Ġenerali (Sigurta` Soċjali) ukoll ma huwiex il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna istitwita mir-rikorrenti u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Huwa ma kellux rwol jew involviment f'dak li qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti. Filfatt jirriżulta li d-deċiżjoni li qegħdin jilmentaw minnha r-rikorrenti ma ttieħditx mill-esponenti u għaldaqstant l-esponenti ma jistgħux iwieġbu għat-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża odjerna;

3. Ukoll fuq bażi preliminari u bla ħsara għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu li l-azzjoni proposta hija perenta bil-mogħdija taż-żmien perentorju ta' sitt (6) xhur hekk kif stabbilit f'subinċiż (3) tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li r-rifjut da parti tal-Kumitat tat-Trattament barra minn Malta (*Treatment Abroad*

*Committee*) ingħata u ġie komunikat ferm aktar minn sitt (6) xhur qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna u għaldaqstant hija kjarament milquta bid-dekandanza tas-sitt (6) xhur, liema perjodu ma huwiex soġġett għas-sospenzjoni jew interuzzjoni permezz ta' att ġudizzjarju;

4. Bla ħsara għas-suespost, l-esponenti jirrispinġu l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda;

5. Bla ħsara għas-suespost, in kwantu fil-premessi ir-rikorrenti jallegaw ukoll li kien hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent għall-intitolament bla ħlas għal mediċini għal mard ta' natura malinja skont l-Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta u l-punt 1 tat-Taqsima II tal-Ħames Skeda tal-istess Att, l-esponenti jwieġbu li din ukoll hija infondata. Ir-rikorrent Roderic Sultana naqas milli jagħmel talba u ċioe' applikazzjoni a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta għall-għajnuna medika bla ħlas u fi kwalsiasi każ huwa ma kienx ikun intitolat għal tali benefiċċju peress li dan il-benefiċċju huwa soġġett għal *test* tal-mezzi u r-rikorrent Roderic Sultana ma jissodisfax dan it-*test*;

6. Bla ħsara għas-suespost, a tenur tas-subinċiż (5) tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, '*id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra'*;

7. Bla ħsara għas-suespost, l-esponenti ma humiex responsabbli għall-ispejjeż u danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, liema spejjeż u danni pretiżi mir-rikorrenti huma kkontestati mill-esponenti;

8. Bla ħsara għas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorenti li jippruvaw li wettqu dak kollu li huwa raġjonevoli fis-setgħa tagħhom sabiex jimmitigaw u jimminimizzaw l-allegati danni u spejjeż allegatament sofferti minnhom;

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Sfortunatament l-attur kellu kanċer tal-pulmun. L-onkoloġista Dr. Janabel Said, il-konsulenta medika tiegħu, b'ittra elettronika tal-1 ta' Lulju 2021 talbet, f'ismu, lill-Kumitat tat-Trattament Barra minn Malta ("il-Kumitat") li jiġi riferut għal trattament fil-Ġermanja.

Fit-8 ta' Settembru 2021, Charlene Fenech, bħala segretarja tal-Bord, infurmat lil Dr. Said b'ittra elettronika li t-talba ġiet irrifjutata minħabba li l-operazzjoni kirurġika setgħet issir f'Malta; u li iżda l-Kumitat kien jaqbel li jekk l-attur ried xorta waħda intervent kirurġiku barra minn Malta, seta' jitlob li jiġi ffinanzjat mill-Cross Border Health Care ("CBH").

Dr. Said applikat għall-Cross Border Health Care b'ittra tad-9 ta' Settembru 2021.

Fis-27 ta' Mejju 2022 l-atturi ppreżentaw ittra uffiċjali kontra l-konvenuti.

Fil-15 ta' Ġunju 2022 l-atturi fetħu din il-kawża biex jattakkaw id-deċiżjoni tat-8 ta' Settembru 2021.

L-Art. 469A(3) jipprovdi li kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartiklu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min kellu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil.

Il-liġi ma tispeċifikax il-mod kif l-attur isir jaf, jew seta' jsir jaf. Ma timponix li jkun ġie mgħarraf b'xi mod speċifiku; u lanqas li jiġi mgħarraf uffiċjalment jew

formalment, jew bil-miktub.[5] Li kieku l-leġislatur ried hekk, kien jgħidu: *ubi lex voluit, dixit.*

Il-perjodu ta' sitt xhur huwa ta' dekadenza[6] u għalhekk ma jiġix interrott, lanqas b'ittra uffiċjali. Lanqas jista' jingħad li l-ittra uffiċjali tibda l-kawża.[7]

Dr. Said xehdet li huwa l-konsulent li japplika lill-Kumitat f'isem il-pazjent. Charlene Fenech xehdet li l-prassi hi li meta jkun hemm deċiżjoni pożittiva, jiġi nfurmat kemm il-pazjent kif ukoll il-konsulent mediku tiegħu. Jekk tkun negattiva, jiġi nfurmat il-konsulent biss, biex dan jikkomunika hu mal-pazjent. Hija ma setgħetx tinjora u taqbeż lill-konsulent. Ġeneralment, deċiżjoni negattiva ma tkunx tikkonsisti f'sempliċi "le" imma tingħata alternattiva.

Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni l-għala għandha tiddubita din id-depożizzjoni tas-sinjura Fenech. Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-prattika li ssemmi s-segretarja tal-Kumitat hija waħda konformi mal-etika medika u l-protokolli stabbiliti tal-mediċina li f'każ ta' deċiżjoni negattiva, jiġi nfurmat il-konsulent u mhux il-pazjent. Il-konsulent f'każijiet bħal dawn huwa l-mandatarju tal-pazjent. Ikun hu li jkun applika f'isem il-pazjent u għalhekk deċiżjoni negattiva huwa xieraq li tiġi riferuta lilu, anke sabiex ikun jista' jfiehem sewwa lill-pazjent ir-raġuni li tkun wasslet il-Kumitat għad-deċiżjoni tiegħu kif ukoll ifiehmu kull rakkomandazzjoni li setgħet tkun saret mill-Kumitat bħala alternattiva.

[5] Michael Mizzi v l-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta 10.11.2008; Helen Caruana v. Aġenzija Identita` u Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates 12.06.2023 Qorti tal-Appell.
[6] Raymond Seychell v Superintendent għas-Saħħa Pubblika 15.11.2022 u s-sentenzi hemm iċċitati.
[7] George Azzopardi v Heritage Malta 28.09.2012 Appell Ċivili.

Ġaladarba l-Kumitat ikun informa lil konsulent b'deċiżjoni li jkun ħa, il-Qorti tifhem li għall-fini tal-liġi l-pazjent jitqies li jkun ukoll infurmat, għal żewġ raġunijiet: L-ewwel, għaliex il-konsulent ikun il-mandatarju tiegħu u ċjoe` jidher għan-nom u fl-interess tiegħu; irrispettivament minn jekk il-konsulent ikunx ikkomunika d-deċiżjoni lill-klijent tiegħu jew le. It-tieni, għaliex huwa minn ewl id-dinja li konsulent jinforma lill-pazjent b'deċiżjoni negattiva tal-Kumitat; li jinfurmah minnufih jew fi żmien qasir minħabba l-istat ta' emerġenza tas-saħħa tal-pazjent; u li aktarx jinfurmah verbalment u ras imb ras bħala parti mill-*bedside manners* rakkomandabbli. Għalhekk il-Qorti tagħmel inferenza loġika u naturali f'dan is-sens; l-hekk imsejħa xi drabi *presumption of fact.*

L-atturi jsostnu li Dr. Said ma nfurmathomx bid-deċiżjoni mill-ewwel, kuntrarjament għal dak li sostniet Dr. Said fix-xhieda tagħha. Il-Qorti hija sodisfatta li Dr. Said fil-fatt infurmat lill-atturi verbalment bid-deċiżjoni tal-Kumitat fil-ġimgħa li bdiet fis-6 ta' Settembru 2021, meta nfurmathom ukoll bl-alternattiva tas-CBH; għalkemm ma tiftakarx il-ġurnata eżatta. Dr. Said ma kellha l-ebda motiv li ma tgħidx il-verita`. Kienet il-konsulent tal-attur, u mhux parti mill-apparat tal-isptar jew tal-amministrazzjoni pubblika. Fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma rrnexxilhomx jattakkaw il-kredibilita` ta' Dr. Said.

Il-Qorti ma ssibx kredibbli l-verżjoni tal-atturi li saru jafu bid-deċiżjoni tal-Kumitat fis-16 ta' Diċembru 2021 permezz ta' ittra elettronika mingħand Dr. Said li kkupjatilhom l-ittra elettronika tat-8 ta' Settembru 2021 mibgħuta minn Charlene Fenech. L-atturi jagħmlu riferenza għall-ittra elettronika tas-6 ta' Diċembru 2021 mibgħuta mill-attriċi lil Charlene Fenech li permezz tagħha talbitha tibgħatilha *" (a) formal reply with the outcome of the TAC's consideration of the application for treatment abroad… since until today we have*

*not received any communication to this effect"* u talbitha tindikalha "*the reasons for the decision taken"*. Kuntrarjament għal dak li jissottomettu l-atturi, din l-ittra hija pjuttost indizju li l-atturi kienu jafu x'kien ġie deċiż; tant li l-attriċi ma tistaqsix jekk it-talba ġietx milqugħa jew rifjutata – kif inhu verosimili li persuna fil-pożizzjoni tagħha tistaqsi – imma biex tingħata risposta formali u bir-raġunijiet – aktarx għal skopijiet ta' azzjoni legali.

Indizju ieħor kontra l-atturi huwa li kienu qegħdin jikkorrispondu mas-CBH. L-atturi jsostnu li s-CBH kien qiegħed jiġi adit fl-istess waqt li saret it-talba għall-iffinanzjar mill-Kumitat. Dan iżda mhuwiex minnu: jirriżulta mid-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kumitat li kien il-Kumitat stess li rrakkomanda s-CBH.

L-Avukat tal-Istat m'għandux iwieġeb għal din il-kawża billi mhuwiex sodisfatt il-vot tal-Art. 181B(2) tal-Kap 12.

Id-Direttur Ġenerali (Sigurta' Soċjali) m'għandux iwieġeb għal din il-kawża għaliex ma kellu l-ebda involviment fid-deċiżjoni attakkata.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u d-Direttur Ġenerali (Sigurta' Soċjali) u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) Tilqa’ l-eċċezzjoni fid-disa’ paragrafu tar-Risposta Maħlufa tal-konvenuti l-oħrajn li l-azzjoni hija perenta a tenur tal-Art. 469A(2) tal-Kap. 12.

(3) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-atturi.

Spejjeż a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA